

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/242**  
**tad-9 ta' Ottubru 2014**  
**li jistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar il-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi skont il-Politika**  
**Komuni tas-Sajd**  
 (ĠU L 41, 17.2.2015, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1575 tat-23 ta' Ġunju 2017	L 239	1	19.9.2017
► <b><u>M2</u></b>	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/204 tat-8 ta' Diċembru 2021	L 34	1	16.2.2022

**▼B****REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE)  
2015/242****tad-9 ta' Ottubru 2014****li jistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar il-funzjonament tal-Kunsilli  
Konsultattivi skont il-Politika Komuni tas-Sajd***Artikolu 1***Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar il-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. “Stat Membru kkonċernat” tfisser Stat Membru li jkollu interess ta' ġestjoni diretta fit-tifsira tal-Artikolu 4(1)(22) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fil-qasam tal-kompetenza ta' Kunsill Konsultattiv kif iddefinit fl-Artikolu 1 tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għall-Kunsill Konsultattiv għall-akkwakultura u l-Kunsill Konsultattiv għas-swieq, “Stat Membru kkonċernat” se tkun tfisser l-Istati Membri kollha tal-Unjoni.

**▼M1**

2. “Organizzazzjonijiet tas-setturi” tfisser organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-operaturi fis-settur tas-sajd (fosthom lis-sajjieda impjegati) u, fejn jixraq, lill-operaturi fis-settur tal-akkwakultura, u rappreżentanti mis-setturi tal-ipproċessar u tal-kummerċ.

**▼B**

3. “Gruppi ta' interess oħrajn” tfisser rappreżentanti ta' gruppi affettwati mill-Politika Komuni tas-Sajd li mhumiex organizzazzjonijiet tas-settur, b'mod partikolari organizzazzjonijiet ambjentali u gruppi tal-konsumaturi.

*Artikolu 3***Il-bidu tal-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi l-ġodda**

1. Organizzazzjonijiet tas-settur u gruppi ta' interess oħrajn b'interess f'wieħed mill-Kunsilli Konsultattivi msemmijin fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandhom iressqu applikazzjoni konġunta lill-Kummissjoni dwar il-bidu tal-funzjonament tal-Kunsill Konsultattiv rispettiv. L-applikazzjoni konġunta għandha tkun kompatibbli mal-għanijiet u l-prinċipji tal-Politika Komuni tas-Sajd kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u b'mod partikolari fl-Artikolu 43(1) u fl-Anness III, u għandha tinkludi:

(a) dikjarazzjoni tal-għanijiet;

(b) il-prinċipji tal-operazzjoni;

**▼ B**

- (c) ir-regoli tal-proċedura;
- (d) lista tal-organizzazzjonijiet tas-settur u ta' gruppi ta' interess oħrajn.

2. Wara li tivverifika li l-applikazzjoni konġunta tkun kumpatibbli mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, b'mod partikolari mal-Anness III u mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tibgħatha lill-Istati Membri kkonċernati fi żmien xahrejn wara li tkun waslet. Il-Kummissjoni tista' tipproponi l-emendi għall-applikazzjoni konġunta biex tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti kollha msemmijin f'dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiddeterminaw jekk l-applikazzjoni hijiex iffirmata minn organizzazzjonijiet tas-settur rappreżentanti u minn gruppi ta' interess oħrajn u jinfirmaw lill-Kummissjoni dwar il-qbil taġġhom fi żmien xahar mill-wasla tal-applikazzjoni konġunta. Skont l-osservazzjonijiet ta' dawk l-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' titlob aktar emendi jew kjarifiki.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika komunikazzjoni dwar il-bidu tal-funzjonament ta' kull Kunsill Konsultattiv ġdid fis-sensjela C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija ma għandhiex tippubblika din l-informazzjoni qabel ma jkunu sodisfatti r-rekwiżiti kollha msemmijin fil-paragrafu 1 ta' hawn fuq. Il-Kunsill Konsultattiv jibda jiffunzjona fid-data indikata fil-komunikazzjoni, li ma jistax ikun qabel id-data tal-pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni.

**▼ M2***Artikolu 4***L-istruttura u l-organizzazzjoni tal-Kunsilli Konsultattivi**

1. Barra mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 43(1), tal-Artikolu 45(1) sa (3) u tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-Kunsilli Konsultattivi għandhom jikkonformaw mal-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-Kunsill Konsultattiv għandu jaħtar, b'kunsens, President u mill-inqas viċi President wieħed. Il-President jista' joriġina minn barra s-sħubija fil-Kunsill Konsultattiv. F'każ li l-President jinħatar minn fost ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet membri, mill-inqas wieħed mill-viċi-Presidenti għandu jinħatar minn fost il-membri tal-kategorija ta' organizzazzjonijiet tas-settur u tal-gruppi ta' interess oħrajn imsemmija fl-Artikolu 2 li ma jkunx jappartjeni għalihom il-President. Dan il-prinċipju għandu japplika wkoll, fejn possibbli, għall-Presidenti tal-gruppi ta' ħidma.

3. L-assemblea ġenerali ta' Kunsill Konsultattiv għandha:

- (a) tadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kunsill Konsultattiv;
- (b) tiltaqa' mill-inqas darba fis-sena biex tapprova r-rapport annwali, il-pjan strateġiku annwali u l-baġit annwali tal-Kunsill Konsultattiv;
- (c) tiddeċiedi dwar il-klassifikazzjoni tal-membri tal-Kunsill Konsultattiv taħt il-kategoriji "organizzazzjonijiet tas-settur" jew "gruppi ta' interess oħrajn" permezz tal-kriterji stabbiliti fl-Anness I u abbażi ta' informazzjoni oġġettiva u verifikabbli, bħad-dispożizzjonijiet tal-istatuti, il-lista tal-membri u n-natura tal-attivitajiet tal-organizzazzjoni kkonċernata.

▼ **M2**

4. Skont il-ħatriet li jsiru mill-organizzazzjonijiet tas-settur u mill-gruppi ta' interess l-oħrajn għas-siġġijiet allokati lilhom rispettivament, l-assemblea ġenerali taħtar Kumitat Eżekuttiv ta' mhux iżjed minn 25 membru. Wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, l-assemblea ġenerali tista' tiddeċiedi li taħtar kumitat eżekuttiv ta' mhux iżjed minn 30 membru biex tiżgura rappreżentanza xierqa tal-flotot iż-żgħar.

5. L-assemblea ġenerali għandha tiżgura rappreżentanza bilanċjata u wiesgħa tal-partijiet ikkonċernati kollha billi tqis il-kapaċità finanzjarja ta' dawn u tiffissa miżati tas-šhubija ekwi.

6. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu:

- (a) jiggwida u jimmaniġġja l-kompiti tal-Kunsill Konsultattiv f'konformità mal-Artikolu 44(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (b) iħejji r-rapport annwali, il-pjan strateġiku annwali u l-baġit annwali;
- (c) jadotta r-rakkomandazzjonijiet u s-suġġerimenti msemmijin fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

7. L-assemblea ġenerali u l-Kumitat Konsultattiv għandhom jiżguraw rappreżentanza bilanċjata u wiesgħa tal-partijiet ikkonċernati kollha, b'enfasi fuq il-gruppi ta' interess oħrajn u fuq il-flotot iż-żgħar, fejn rilevanti. Jenhtiegħ li l-għadd ta' rappreżentanti tal-flotot iż-żgħar jirrifletti l-proporzjon tal-flotot iż-żgħar fis-settur tas-sajd tal-Istati Membri ikkonċernati.

*Artikolu 5***Metodi ta' Ħidma**

1. Il-Kunsill Konsultattiv għandu jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet u s-suġġerimenti maħruġa:

- (a) jikkonformaw mar-regoli u mal-oġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd kif stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (b) jiġu żviluppati skont prinċipji stretti ta' trasparenza, rappreżentanza bilanċjata u rispettt tal-opinjoni kollha espressi;
- (c) jiġu adottati, fejn possibbli, b'kunsens. Jekk ma jkunx jista' jint-laħaq kunsens, l-opinjoni tal-membri li ma jaqblux għandhom jiġu rreġistrati fir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-maġġoranza tal-membri preżenti li jkunu qed jivvotaw.

2. Meta jkun qed jiddeċiedi dwar il-metodi ta' ħidma tiegħu, il-Kunsill Konsultattiv għandu jfittex li jiżgura l-effiċjenza u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-membri kollha billi juża mezzi ta' komunikazzjoni tal-informatika moderni u jipprovdi servizzi ta' interpretazzjoni u traduzzjoni.

▼ **B***Artikolu 6***Il-kontribut finanzjarju tal-Kunsilli Konsultattivi**

1. Kull Kunsill Konsultattiv għandu joffri kumpens addizzjonali lis-sajjied li jirrapreżentaw l-organizzazzjonijiet tal-flotot iż-żgħar għall-parteċipazzjoni effiċjenti tagħhom fil-ħidma tiegħu, minbarra li jirrimborzallhom l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni. Dan il-kumpens għandu jkun iġġustifikat kif xieraq f'kull każ.

**▼B**

2. Meta jistiednu lil xi osservaturi minn pajjiżi terzi, kif imsemmi fil-punt (k) tal-paragrafu 2 tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kunsilli Konsultattivi jistgħu jikkontribwixxu lejn l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni tal-osservaturi bl-istess kundizzjonijiet li japplikaw għall-membri tagħhom.

*Artikolu 7***L-appoġġ tal-Istati Membri**

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu l-appoġġ tekniku, loġistiku u finanzjarju xieraq biex jiffaċilitaw il-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi.

**▼M2***Artikolu 7a***Ir-rieżamijiet tal-prestazzjoni**

Il-Kunsill Konsultattiv għandu joqgħod għal rieżami indipendenti tal-prestazzjoni mill-inqas darba kull ħames snin. Dan ir-rieżami għandu jkollu l-għan li jidentifika l-aħjar prattiki u nuqqasijiet, jelenka rakkomandazzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l-funzjonament tal-Kunsill Konsultattiv u jivvaluta l-kontribut ġenerali tiegħu għall-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Ir-riżultati ta' dawn ir-rieżamijiet għandhom jiġu ppubblikati u, fejn jiġu identifikati nuqqasijiet fil-funzjonament tal-Kunsill Konsultattiv, għandhom ikunu akkompanjati minn pjan ta' azzjoni li jstabbilixxi azzjonijiet konkreti u skeda ta' żmien ċara għall-implimentazzjoni tagħhom.

**▼B***Artikolu 8***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ M2

## ANNEX

**Kriterji għall-klassifikazzjoni tal-Membri tal-Kunsilli Konsultattivi taħt il-kategoriji “organizzazzjonijiet tas-settur” jew “gruppi ta’ interess oħrajn”**

1. Organizzazzjoni għandha tiġi kklassifikata bħala “organizzazzjoni tas-settur” meta tissodisfa mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:
  - (a) l-organizzazzjoni tirrappreżenta, jew ikollha, interessi ekonomiċi diretti jew indiretti fis-setturi tas-sajd kummerċjali, tal-akkwakultura, tal-ipproċessar, tal-kummerċjalizzazzjoni, tad-distribuzzjoni jew tal-bejgħ bl-innut tal-frott tal-baħar;
  - (b) parti kbira mill-membri tal-organizzazzjoni, kemm persuni fiżiċi kif ukoll persuni ġuridiċi, jirrappreżentaw, jew ikollhom, interessi ekonomiċi diretti jew indiretti fis-setturi tas-sajd kummerċjali, tal-akkwakultura, tal-ipproċessar, tal-kummerċjalizzazzjoni, tad-distribuzzjoni jew tal-bejgħ bl-innut tal-frott tal-baħar;
  - (c) l-organizzazzjoni tirrappreżenta impjegati fis-setturi relatati mas-sajd kummerċjali, l-akkwakultura, l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ bl-innut tal-frott tal-baħar;
  - (d) mill-inqas 50 % tal-finanzjament tal-organizzazzjoni joriġina minn impriżi attivi fil-qasam tas-sajd kummerċjali, l-akkwakultura, l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ bl-innut tal-frott tal-baħar.
  - (e) l-organizzazzjoni tissodisfa mill-inqas wieħed mill-kriterji elenkati fil-punti 1(a) sa 1(d) u tkun attiva fil-qasam tal-ambjent, tal-konsumaturi u tad-drittijiet tal-bniedem, tas-saħħa, tal-promozzjoni tal-ugwaljanza jew tat-trattament xieraq tal-annimali.
2. Organizzazzjoni għandha tkun klassifikata bħala “grupp ta’ interess ieħor” meta ma tkun tissodisfa ebda mill-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 1 u:
  - (a) tkun primarjament attiva fil-qasam tal-ambjent, tal-konsumaturi u tad-drittijiet tal-bniedem, tas-saħħa, tal-promozzjoni tal-ugwaljanza, tat-trattament xieraq tas-saħħa tal-annimali jew tas-sajd rikreattiv jew sportiv; jew
  - (b) tkun tirrappreżenta, jew ikollha, interessi ekonomiċi diretti jew indiretti marbuta mal-użu tal-ambjent tal-baħar jew tal-ispazju marittimu għajr is-sajd kummerċjali, l-akkwakultura jew l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni u l-bejgħ bl-innut tal-frott tal-baħar.